MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 826/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Matthew Catania**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm212.44) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99870946;**

**Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi, baqa' nadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u ma pprezentax risposta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenut qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm212.44) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------